**QORTI TAL-MAĠISTRATI MALTA**
**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat**
Dr. VICTOR GEORGE AXIAK

**Seduta tat- Traffiku**
**Referenza tal-Każ: TRF-00199-2018-3**
**Il-Pulizija**
**(Spettur SARAH MAGRI)**
**Vs**
**Rabee Abdarhman (K.I. Nru. 105757A)**

Illum, 29 ta' Ottubru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi hawn taħt indikati.

Talli fl-24/4/2018 ghall-habta ta' 5:40pm bil-vettura Toyota DBM403 ġewwa SIR PAUL BOFFA VJAL,PAOLA

[1] Gieghelt, hallejt jew ippermettejt vettura bil-mutur jew vettura ohra tinstaq minn persuna, minghajr licenzja tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15 (1)(b), (3))

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq

Semghet ix-xhiedha u fliet id-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidrat illi dak li jirrizulta mill-affidavit ta' PS0539 Fabian Caruana u mix-xhiedha tar-rapprezentant tal-*Land Transport Directorate* huwa illi:

- Fid-data, hin u lok imsemmija fic-citazzjoni giet imwaqqfa l-vettura DBM403 tal-ghamla **Isuzu KCLY131**
- Ix-xufier kien certu Abdulfatah Faraj Salah Alhirma (K.I. Nru. 117109A)
- Ix-xufier ma' kellux licenzja tas-sewqan
- Sid il-vettura huwa l-imputat huwa cioe' Rabee Abdarhman

Ikkunsidrat illi apparti mill-fatt illi l-vettura li twaqqfet giet deskritta bhala wahda tal-ghamla ISUZU (mentri mic-citazzjoni u mix-xhiedha tar-rapprezentant tal-*Land Transport Directorate* tirrizulta illi din il-vettura kienet filfatt TOYOTA), mill-bqija ma' hemmx l-icken

prova illi b'xi mod l-imputat gieghel, halla jew ppermetta lil Abdulfatah Faraj Salah Alhirma isuq il-vettura.

Ikkunsidrat illi x-xhud principali, u cioe' Abdulfatah Faraj Salah Alhirma, ma' xehedx f'din il-kawza.

Ikkunsidrat illi l-imputat ma' ghandu ghalfejn jipprova xejn izda hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Mill-provi ma' hemm xejn x'jindika tali htija.

**Decide**

**Wara li rat l-akkuża u l-liġi ossia Kap 65 Artiklu 15 (1)(b) u (3), tillibera lill-imputat minn tali akkuza peress illi ma' tirrizultax.**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK
Maġistrat

Yesenia Maria Pace
Deputat Reġistratur